## QUDDIEM GHALQA TAL-BITTIEH

*Ta'* A. Buttigieg

*Lil Ninu Cremona li kien miegħi*
*meta rajnieha mill-ferrovija ħdejn*
*Ruma.*

Sew bħall-ibtan tal-fniek jiġġerew f'għalqa
il-kotra tal-bittieħ ;
u bħalhom fl-art għal tulhom
mimduda għall-irdigħ ;
u bħall-ibtan tal-fniek dawn l-ulied ċkejkna
tax-xemx u l-għalqa, biċċa ħarġu jixbhu
'l ommhom u wirtu lewn l-ispag u l-ħdura,
u biċċa lil missierhom lewn is-sfura.

Montecatini,
29. viii. 1949.

---

## MONTECATINI

*Ta'* A. Cremona

*Lil ħabibi Toni Buttigieg li flimkien*
*miegħu għaddejt xi ġranet tas-sajf*
*f'Montecatini.*

Taħt xemx sajfija fl-isbaħ saltna tagħha,
ġenna ċkejkna ta' l-art — għajjien mid-dwejjaq
tal-ġisem u tar-ruħ — bl-ilma tas-saħħa
għandek jien ġejt il-lum sabiex nitrejjaq.

Fik donnha twieldet in-Natura u magħha
Int bqajt imgħannqa sabiex b'ġidek tfejjaq
hawnhekk il-qalb marida, hawn fejn tilqagħha
sodda ta' ħdura u jmut il-ħsieb imdejjaq.

Hawn jien fil-mogħdijiet bil-ward imżejna
u bis-siġar li jimxu dejjem miegħi
fik xrobt il-ħajja ġdida mill-egħwejna.

Hawn jien inħares lejn il-wilġa u t-tliegħi
jħaddru sfiq inħoss jien fik li bejnna
hemm xi Rabta moħbija qalb il-frieghi.

Montecatini,
30. vii. 1949.